# ĦUT MADWAR IL-KOSTA

*Joe Cilia*

Biżżejjed wieħed idur dawra mal-kosta tal-Gżejjer tagħna u joqgħod josserva bi ħġieġa ta' l-għaddasa fi ftit piedi ilma baħar biex jinduna bid-diversi tipi ta' ħut interessanti ta' kull għamla u lewn. Forsi wħud mill-iżjed komuni li niltaqgħu magħhom huma l-mulett u l-laċċi, it-tird u s-sirran, l-isparli, l-imzazen u l-bużullieq, fost ħafna oħrajn xejn inqas interessanti.

Il-**Muletti** niltaqgħu magħhom tista' tgħid f'kull tip ta' ambjent madwar il-kosta Maltija. Iż-żgħar tal-Mulett jissejħu **Bobin**. Għandna sitt speċi differenti ta' Mulett li jingħarfu minn xulxin b'karatteristiċi differenti. Għalkemm kollettivament imsejħa **Mulett**, kull speċi għandha isem proprju tagħha, biss dawn sikwit jiġu mħawda ma' xulxin. Insibu wkoll l-isem **Kaplat** li huwa mogħti lil kull mulett kbir għalkemm l-aktar lill-ispeċi li jikbru bejn 60 sa 100 ċentimetru u li huma l-akbar Muletti li għandna.

Il-**Mulett ta' l-Imċarrat** huwa wkoll wieħed imdaqqas iżda anqas komuni. Tip ta' mulett li jlaħħaq xi 35 ċentimetru huwa l-**Buri** jew **Bwir** u l-**Mulett ta' l-imċarrta safra**. Dan ta' l-aħħar jingħaraf bil-marka lewn id-deheb li għandu wara għajnejh. Il-Muletti jħobbu l-kumpanija ta' xulxin u ħafna drabi jinstabu f'qatgħat kbar. Huma jieklu u jirgħu fuq ħxejjex tal-bahar li jkunu jikbru fuq il-blat jew inkella jieklu frak ta' l-ikel mill-wiċċ. Ħafna drabi jidħlu wkoll fejn hemm ilma salmastru.

Tip iehor ta' ħut tal-wiċċ huwa l-**Laċċi** u s-**Sardin**. Dawn iżda meta jimmaturaw jinstabu f'baħar pjuttost fond, għalhekk madwar il-kosta ġeneralment niltaqgħu maż-żgħar. Dawn ħafna drabi jissejħu **Bobin** u meta jinqalbu u juru ġenbejhom ileqq lewn il-fidda, id-dilettanti tas-sajd igħidu li hemm il-**mergħa tal-ħut** jew tal-**Laċċi**. Fl-ibħra tagħna nsibu minn sitta sa seba' speċi ta' Laċċi u Sardin. Dan il-ħut jiekol ħlejjaq mikroskopiċi li jgħumu f'wiċċ il-baħar (*plankton*).

Hemm ukoll ħut tal-qiegħ li jinstab viċin il-kosta. Fost l-aktar komuni hija l-familja tat-Tird. F'din it-taqsima nsibu għadd ta' ħut mill-aktar imlewna. L-isbaħ ċertament huma l-**Lhudi** iżda l-**Għarusa** u t-**Tirda tal-Warda** ma jagħmlulux għajb. F'dan il-ħut insibu li l-mara u r-raġel juru lwien differenti bir-raġel bl-isbaħ kuluri. Mhux hekk biss, iżda meta jfaqqsu mill-bajd dawn il-ħut ikunu kollha nisa u dawn meta jikbru u jitgħammru u jbidu, jistgħu jaqilbu s-sess u jsiru rġiel. L-irġiel jiġbru numru ta' nisa magħhom u jżommuhom biex igħammruhom. Dan il-ħut jiekol għadd ta' bebbux, granċi żgħar, gambli u rizzi.

Iċ-**Ċerna** ġeneralment insibuha f'baħar aktar fond għalkemm nistgħu niltaqgħu ma' xi **fellusa ta' Ċerna**, kif jissejħu ż-żgħar, aktar lejn l-art. Iżda l-aktar li nistgħu ninzertaw mill-familja taċ-Ċerna huma s-**Sirran**, il-**Burqax** u l-**Ħanzir**.



Dawn it-tliet speċi jixxiebħu u jinstabu fi xquq tal-blat, fl-alka u qrib ir-ramel. Il-**Burqax** ħafna drabi joqgħod quddiem xi bejta ta' qarnita jistenna xi farka ikel milli tħalli warajha din il-ħlejqa. Dan il-ħut jiekol ħut iżgħar u ħlejjaq oħra. Meta jimmaturaw kull ħuta jkollha l-organi sesswali kemm ta' mara kif ukoll ta' raġel u għalkemm waqt in-namra, ħuta tgħammar lill-oħra, xi whud jistgħu wkoll igħammru lilhom infushom.

Il-familja ta' l-**Isparli** tinstab wkoll madwar il-kosta. Din il-familja tiġbor fiha numru ta' speċi nteressanti li ġeneralment jingħarfu mid-diversi marki u lwien li jkollhom fuqhom. Jekk neżaminawlhom ħalqhom nindunaw li dawn għandhom xedaq snien u dras b'forom u f'numru li jvarjaw minn speċi għal oħra. Dan il-ħut jiekol kemm annimali kif ukoll ħxejjex tal-baħar. Ix-**Xilpa** meta tkun żgħira tissejjaħ **Girwiela** jew **Tartarella**, u tiekol annimali żgħar, filwaqt li meta tikber tibda tirgħa fuq l-alka (*Posidonia*). Dan il-ħut jimmatura l-ewwel bħala rġiel imbagħad jinbidlu u jsir nisa. Dan il-fenomenu nsibuh ukoll fl-**Isparli**, is-**Sargu**, il-**Mengus** u anke possibilment fix-**Xirgien**. Mill-banda l-oħra, il-**Vopa** u l-**Kaħli** huma kontra, jiġifieri, jibdew bħala nisa u jispiċċaw irġiel.

Żewġ familji ta' ħut żgħir tal-kosta li mad-daqqa t'għajn jixxiebħu huma l-**Imzazen** u l-**Bużullieq**. L-Imzazen

---

*Kaplat*
*Burqax*
*Kaħli*
*Bużullieqa*

*L-GĦARUSA:*
*Raġel matur idur u jgħasses in-nisa tiegħu waqt li jieklu rizza.*



għandhom drawwiet interessanti. Ħafna speċi jżommu territorju madwar bejta magħmula ġo xi toqba jew xaqq fil-blat, u ma jħallu ebda ħut ieħor jersaq, speċjalment waqt żmien in-namra jew meta r-raġel ikun għassa mal-bajd. Ir-raġel jingħaraf mil-mara prinċipalment għaliex ikollu lwien aktar qawwija u l-ewwel xewka ta' fuq daharu tkun itwal.

Ħafna mid-diversi speċi li nsibu madwar il-Gżejjer Maltin m'għandhomx isem bil-Malti, biss oħrajn għandhom. Fost dawn hemm il-**Mazzun Aħmar** li jinsab f'baħar pjuttost fond, u l-**Mazzun tal-Port** li huwa l-aktar speċi komuni. L-**Iżbirr** jew **Seraċin** huwa l-akbar fost l-Imzazen ta' pajjiżna u jlaħħaq xi 27 ċentimetru u jgħix madwar 10 snin. Iżda nsibu speċi oħra iżgħar li jgħixu biss sena jew tnejn. Fost dawn ta' l-aħħar hemm il-**Makku**, li huwa wkoll speċi ta' mazzun iżda għal kuntrarju ta' l-oħrajn igħum ukoll fil-wiċċ tal-baħar fond biex jiekol ħlejjaq mikroskopiċi. Xi żmien ilu kien jinqabad fi kwantitajiet kbar għall-ikel, u kienu jagħmlu l-ftajjar tal-Makku. Illum iżda kull ħuta żgħira li tinqabad bil-gzuz tissejjaħ u tinbiegħ bħala Makku.

Il-**Bużullieq** jew **Budakkri** huma tip ta' ħut mingħajr qxur (*scales*) u ġisimhom hu miksi bi żlieġa, għalhekk jissejħu Bużullieq. Fuq rashom ħafna drabi ikollhom bħal *qrun* jew appendiċi oħra li mill-għamla tagħhom wieħed jista' jagħraf l-ispeċi differenti. It-tlettax-il speċi li għandna jissejħu Bużullieq jew Budakkra, għajr il-**Budakkra ta' l-Għajn**. Din l-ispeċi hija ġeneralment attiva bil-lejl u taħbi l-bajd taħt xi bebbux vojt jew ġebel jew ċagħaq żgħir. Ir-raġel joqgħod għassa magħhom. Il-Bużullieq ħafna drabi jagħmlu wirja tan-namra li tikkonsisti f'ċaqliq tar-ras u tax-xewk tad-dahar, ġlied bejn l-irġiel, imbuttar, qbiż u gdim. L-irġiel iħallu diversi nisa jbidu fil-bejta tagħhom. Insibu speċi li jidħlu f'ilma salmastru, oħrajn f'għadajjar fuq il-blat, kif ukoll uħud li jitilgħu jorqdu 'l fuq minn xifer il-baħar. Il-Bużullieq jieklu ħlejjaq żgħar bħal bebbux, gambli, eċċ, kif ukoll ħxejjex tal-baħar.

Dawn li semmejna huma biss ftit mill-għadd ta' ħut tal-kosta iżda ma nistgħux ma nsemmux għallinqas iċ-**Ċawl**, l-**Iskorfon**, iż-**Żiemel**, il-**Gremxula tal-Baħar**, it-**Trill** u oħrajn. Sfortunatament il-kosta ta' madwar il-Gżejjer tagħna qed nitilfuha ftit ftit minħabba tniġġis tal-baħar. It-tniġġis jeqred il-ħxejjex u l-alka u jħalli biss deżert ta' ramel u tajn imniġġes. F'bosta nħawi naqsu ħafna ħlejjaq żgħar minn fuq il-blat tal-kosta, bħal rizzi, mħar, bebbux eċċ. li jservu ta' ikel għall-ħut u ħlejjaq oħra. Il-bajjiet baxxi tagħna qed jistadu fihom bil-pariti, nases, u tkaxkir. B'dawn il-metodi qed jinqabad ħafna ħut li għadu mhux matur u li għalhekk ma jitħalliex jilħaq ibid bir-riżultat li l-ħut naqas ħafna. Jista' jiġi żmien li l-industrija tas-sajd tbati fil-qbid kummerċjali. Jekk fil-futur qarib ma jsirx aktar kontroll serju fuq il-qerda bla rażan tal-ħajja tal-baħar tagħna, il-Gżejjer Maltin ser jispiċċaw imdawrin b'baħar mejjet.

❑

| MALTI | ISEM XJENTIFIKU | INGLIŻ |
|---|---|---|
| Budakkra tal-Għajn | *Blennius ocellaris* | Butterfly Blenny |
| Mulett Buri/Bwir | *Mugil saliens* | Leaping Grey Mullet |
| Burqax | *Serranus scriba* | Painted Comber |
| Ċawl | *Chromis chromis* | Blue Damselfish |
| Ċerna | *Epinephelus guaza* | Grouper |
| Għarusa | *Coris julis* | Rainbow Wrasse |
| Gremxula tal-Baħar | *Syngnathus acus* | Pipefish |
| Ħanzir (Burqax tax-xewka)* | *Serranus hepatus* | Brown Comber |
| Kaħlija | *Oblada melanura* | Saddlied Bream |
| Laċċi | *Alosa alosa* | Allice Shad |
| Lhudi/Tork* | *Thalassoma pavo* | Peacock Wrasse/ Turkish Wrasse |
| Makku* | *Brachyochinus pelucidus* | Transparent Goby |
| Mazzun Aħmar* | *Gobius cruentatus* | Red-mouthed Goby |
| Mazzun tal-Port | *Gobius paganellus* | Rock Goby |
| Mingus | *Lithognathus mormyrus* | Striped Bream |
| Mulett ta' l-Imċarrta Safra (tal-Misluta) | *Mugil auratus* | Golden Grey Mullet |
| Mulett ta' l-Imċarrat | *Mugil capito* | Thin-lipped Grey Mullet |
| Sardin* | *Sardina* spp. *Sardinella* spp. | Sardines |
| Sargu | *Diplodus sargus* | White Bream |
| Sirran | *Serranus cabrilla* | Comber |
| Skorfna Sewda | *Skorpaena porcus* | Smallscaled Scorpion fish |
| Sparlu | *Diplodus annularis* | Annular Bream |
| Tirda* | *Labrus turdus* | Green Wrasse |
| Trilja tal-qawwi | *Mullus surmuletus* | Striped Mullet/ Red Mullet |
| Vopa | *Boops boops* | Bogue |
| Xilpa | *Boops salpa* | Salema |
| Xirgien | *Diplodus vulgaris* | Two-banded Bream |
| Seraċin* | *Gobius cobitis* | Giant Goby |
| Żiemel | *Hippocampus guttulatus* | Seahorse |

**Ismijiet li jidhru hawn fuq huma kollha meħudin mill-*Ismijiet tal-ħut tal-Mediterran* ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura u Sajd 1976, ħlief dawk immarkati bi stilla li huma meħuda minn *A field guide to the Mediterranean Sea Shore* ta' W. Luther u K. Fiedler.**